**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kaz numru 375/2021**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Paul Camilleri)**

**vs.**

**Carmel Azzopardi**

Illum it-30 ta' Novembru 2021

Il Qorti:

Rat illi tressaq taht arrest Carmel Azzopardi, ta' hamsa u hamsin sena, iben il-mejjet Saviour u Mary nee' Pace, imwieled l-Msida nhar it-22 ta' Dicembru 1965, resident Nru 80, Yvette, Triq J. Borg, Msida u detentur tal-karta tal-identita' numru 577765M akkuzat

1. Talli bejn it-8 u l-10 ta' Gunju 2021, f' ħinijiet differenti minn gewwa DHL Express, MIA Cargo Village, Ħal Luqa, ikkometta serq ta' Djamanti, liema

serq huwa aggravat bil-Valur, u Persuna, u dan għad-detriment ta' *Omissis* u/jew persuni oħra;

Il-Qorti hija ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat li meta sar l-ezami ta' l-imputat skond l-artikolu 392(2) tal-Kodici Kriminali, nhar il-14 ta' Gunju 2021 l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjoni dedotta kontrih, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzathu u wissietu solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsulta ma' l-avukat ta' fiducja tieghu u jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha.[1]

Rat li l-imputat rega' tenna u kkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu.

Rat li fid-dawl ta' l-ammissjoni tal-imputat il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghajr li ssibu hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u li a tenur ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta' l-imputat.

Rat illi ma hemmx raġuni tajba ai termini tal-Art. 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita li nonostante l-ammissjoni tieghu, l-imputat effettivament mhux ħati tar-reati addebitati lilu. Il-Qorti tqis, ghalhekk li l-akkużi huma sodisfacjentement ppruvati.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, fliet l-atti kollha tal-kawza;

[1] Folio 3 u 18 ta' l-atti processwali

Semghet lill-partijiet jitrattaw bis-sottomissjonjiet fl-udjenza tat-12 ta' Ottubru 2021.[2]

Rat l-atti kollha.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi dan il-kaz irrizulta meta l-imputat ghamel serqa ta' djamanti bil-valur kummercjali ta' iktar minn ghaxart elef Euro (€10,000) ghad-detriment ta' hanut ta' gojellerija.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi b'amissjoni ta' l-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu waqt is-seduta ta' l-14 ta' Gunju 2021 din il-Qorti m'ghandiex ghazla ohra ghajr li ssibu hati tar-reati addebitati lilu u ser tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront tieghu.

Madankollu ghall-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

- Il-fedina penali ta' l-imputat[3] - filwaqt li fiha jinsabu sentenzi registrati relatati mad-droga ma jirrizultawx sentenzi relatati ma dan ir-reat li bihom gie akkuzat.

- L-ammissjoni ta' l-imputat. Illi l-imputat ammetta ghall-akkuza dedotta kontrieh fl-iktar stadju bikri tal-proceduri qabel il-prosekuzzjoni bdiet tressaq il-provi taghha.

[2] Folio 67-69 ta' l-atti processwali
[3] Folio 10 ta' l-atti processwali

Qieset il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu fi stadju kmieni tal-process u b'hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutili ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **Ir-Repubbklika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**[4], **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**[5], u **ARCHBOLD Sentencing Guidelines 2021**[6] u **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE.**[7]

- Il-Qorti tqis ukoll li l-ammissjoni saret minghajr ebda riservi u kundizzjonijiet.

- Wara li l-imputat ammetta ghall-imputazzjoni dedotta kontrih, l-imputat ghazel li jikoopera mal-pulizija u ghaddielhom informazzjoni dwar fejn jinsabu d-djamanti ossija r-*res furtiva* kif ukoll lil min ghaddihom. Bis-sahha ta' hekk, ir-rikavat gie rkuprat u d-djamanti gew ritornati lis-sid. Il-persuna li rceviet ir-rikavat sussegwentment giet investigata u tressqet bi proceduri penali relatati ma dan il-kaz. L-imputat ta anke xhieda bil-gurament quddiem il-Qorti f'dan il-kaz.[8]

- Mill-istqarrija ta' l-imputat jirrizulta li l-imputat wettaq dan ir-reat ghaliex ibati mill-vizzju tad-droga. Dan il-vizzju ilu bih ghal erbghin (40) sena u jikkonsma l-kokaina kuljum. Spicca biex l-imputat dahal f'hafna dejn li ma setghax ilahhaq bih u irrikorra ghall-kriminalita' sabiex jaghmel tajjeb ghad-dejn li dahal fih biex ifendi l-vizzju tad-droga li ghandu.

- Il-valur ta' l-oggetti misruqa jeccedi l-ghaxart elef Euro (€10,000) u ghaldaqstant jirrizulta li s-serq huwa aggravat bil-valur, kif ukoll

[4] Qorti Kriminali deciza 24 ta' Frar 1997
[5] Qorti tal-Appell Kriminali , [7.7.2002]
[6] Thomson Reuteurs, S-29
[7] Blackstone Press Limited – 2006 edition
[8] Pulizija vs Joseph Tabone

irrizulta li sar fuq il-post tax-xoghol u b'hekk din il-Qorti ghandha taghti piena mhux fil-minimu taghha skond l-artikolu 280(1) tal-Kodici Kriminali.

- Il-vittma tar-reat fl-udjenza tat-22 ta' Gunju 2021 iddikjara li in vista tal-fatt li gie ritornat ir-rikavat ma hux qed jinsisti ghall-piena karcerarja, izda biss li ma jigix imxandar isem in-negozju.

- Il-Qorti ordnat li jsir *pre-sentencing report* tal-imputat li gie mhejji mill-uffijcal tal-probation Dorian Cornelius.

  Jirrizulta li l-imputat beda jabbuza mid-droga ta' erbatax il-sena u minkejja zwieg, relazzjonijiet u tlett it-tfal xorta baqa jabbuza d-droga u qatt ma qattaha. Illi dan il-fatt huwa ta' preokkupazzjoni kbira ghal din il-Qorti ghaliex jirrizulta li l-imputat qatt ma kellu mottiv, rieda jew kapacita' li jaqta' l-vizzju tad-droga anke f'mumenti determinanti ta' hajtu bhal meta sar missier jew meta zzewweg u aktar tard meta kien marad serjament. Illi dan il-vizzju tant hakmu li llum il-gurnata irrikorra ghas-serq minhabba d-djun li tghabba bihom relatati ma' dan l-abbuz. Irrizulta wkoll li kull programm li qatt ghamel qabel sar bi sforz u bl-imbottatura tal-genituri tieghu u b'hekk qatt ma kkommetta ruhu mija fil-mija.

  Illi wara li tressaq, l-imputat ghazel minn jeddu li jibda programm residenzjali gewwa San Blas nhar it-28 ta' Gunju 2021 li huwa ta' madwar tmien xhur. Illi jirrizulta li din hija l-ewwel darba f'erbghin sena li l-imputat beda programm residenzjali *full time* minn jeddu u bir-rieda tieghu.

- Illi l-Qorti qatt ma tista tiskarta l-ghalmu ta' persuna li jbati mill-vizzju tad-droga li juri motivazzjoni u azzjoni sabiex jindirizza u jeghlibha. Jirrizulta li tul il-mori ta' dawn il-proceduri l-imputat kien diga' segwa

b'success nofs il-programm u jinsab miexi lejn il-pjan li jmiss ta' riabilitazzjoni. Illi dan m'ghandux jigi sfrattat ghaliex ir-realta' hija li jekk l-imputat ma jeghlibx il-problema tad-droga ha jibqa' jkun ta' piz kbir fuq is-socjeta, jirrikorri ghall-kriminalita' u ma jkunx jista jaghti kontribut siewi lis-socjeta' u anke jwettaq ir-responsabilitajiet tieghu. Ghalhekk din il-Qorti hija konxja hafna ta' din ir-responsabbilta dment li l-imputat jidher li fl-ahhar, wara dan iz-zmien kollu, finalment qed jaghzel li jdawwar hajtu.

- Min-naha l-ohra il-Qorti taghmilha ferm cara li fil-fehma taghha dan ghandu jigi meqjus bhala l-ahhar cans. Filwaqt li huwa rikonoxxut li l-vizzju tad-droga huwa sahta fuq is-socjeta' ma tista' qatt tigi tollerata jew skuzata l-imgieba ta' persuna bil-vizzju li tisraq u taghmel il-hsara lil persuni ohra, b'dan illi ggibhom vittmi ta' ghemilha. Li kieku tali agir huwa skuzabbli, b'hekk il-messagg li jkun qed jinghata huwa li dawk in-nies li jirrispettaw u jikkonformu mal-ligi u jevitaw l-uzu tad-droga m'ghandhomx serhan tal-mohh jew protezzjoni mill-ligi. Illi jekk agir bhal dan jithalla jippersisti, jinholqu aktar vittmi tal-kriminalita', u konsegwentement wiehed iktar ikun qieghed ikabbar u johloq diffikultajiet u problemi akbar ghall kull membru tas-socjeta. L-oneru ghandu dejjem jibqa' fuq l-imputat li jaghmel dawk l-isforzi necessarji sabiex jindirriza l-problema li dahal fiha u l-azzjonijiet tieghu ma jiksrux il-ligi u ma jweggghux l-ghixien ta' haddiehor.

- L-ufficjal tal-probation fir-rapport tieghu jirrakomanda li l-imputat jitqieghed taht Ordni ta' Probation fil-massimu tieghu sabiex b'hekk l-imputat ikun jista' jkompli jiehu l-ghajnuna necessarja minhabba l-abbuz tad-droga filwaqt li jkun segwit minn ufficjal tal-probation. Kemm il-prosekuzzjoni kif ukoll id-difiza abbraccjaw dan is-suggeriment.

- Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena u cioe', *(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.*

- Illi minn dak li rat u ezaminat il-Qorti jirrizulta li din il-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputat izda trid ssib bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u l-harsien u l-interessi tal-vittmi tar-reat u s-socjeta' in generali sabiex tara li dan ir-reat ma jergax jigi kommess kif ukoll taghti l-harsien mehtieg lill-pubbliku u dan fid-dawl tac-cirkostanzi ta' kif sehh il-kaz.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(c)(d), 268(d), 279(b) u 280(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Carmel Azzopardi, fuq ammissjoni tieghu stess, **hati** ta' l-imputazzjoni dedotta kontrieh.

Illi kwantu ghall-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi piena karcerarja f'dan l-istadju ma hix ser thalli il-frott illi wieħed jkun qed jistenna anzi il-kuntrarju. Ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li jissussistu c-cirkostanzi mehtiega u msemmija fl-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ikun fl-aqwa nteress tas-socjeta u tal-imputat innifsu li il-hati jitqieghed taht ordni ta' probation.

Ghalhekk il-Qorti qeghda tpoggi lill-hati Carmel Azzopardi taht **Ordni ta' Probation** ghall-perjodu ta' tlett snin millum b'dan li ghal dan l-iskop qeghda

tordna li l-hati jitqieghed taht is-sorveljanza t'Ufficjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

A tenur tal-Artikoli 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom instab hati b'din is-sentenza.

Il-hati jiddikjara li jaqbel ma' tali ordnijiet.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Ufficjal tal-Probation biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-hati kull sitt (6) xhur.

Inoltre peress li l-Qorti tqis li f'dan il-każ hemm lok li jiġi maħruġ **Ordni ta' Trattament** fil-konfront tal-imputat u li permezz tiegħu huwa jkun jista' jiġi mgħejjun jegħleb diffikutajiet li huwa jidher għaddej minnhom minħabba diversi abbużi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali qegħdet lill-ħati taħt ordni ta' trattament għal perjodu u ta' tlett (3) snin millum u dan skont il-kondizzjonijiet li jinsabu fid-digriet anness ma din is-sentenza u li jagħmel parti integrali minnha. Il-Qorti tiddikjara li għamlet din l-ordni ta' trattament wara li hija spjegat lil ħati bi kliem ċar u li jinftiehem il-konsegwenzi li jitnisslu minn ordni ta' trattament kif ukoll ir-responsabblita tiegħu naxxenti mill-istess kif ukoll il-konsegwenzi li jitnisslu f'każ li huwa ma joqgħodx għallkondizzjonijiet imsemmija fl-ordni ta' trattament.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**Moghtija illum nhar it-30 ta' Novembru 2021 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**